# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Novembru 2001**

**Numru 32**

**Citaz. numru: 1890/99 M1 NA**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Exhibitions Network International Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet:

"Illi skond ir-regolamenti vigenti w il-ftehim ta' kera u servizz ta' telephone bejn il-partijiet is-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' erbat elef tmien mija u tmenin lira Maltin u disghin centezmu (Lm4,880.90c0)

dovuti in konnessjoni mas-servizzi u l-uzu tat-telephones numri 418650, 418651, 418652, 434512 u 438754;

Illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u *telephone calls* maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra relattivi;

Illi s-socjeta' attrici sejhet diversi drabi lis-socjeta' konvenuta sabiex thallasha l-ammont imsemmi izda din baqghet inadempjenti;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq ghat-talba attrici u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghat-tenur ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili w is-socjeta' attrici qieghdha tannetti ma' dan l-att Affidavit (Dokument "A") ghall-iskop ta' l-istess artikoli msemmija;

TALBET li, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smigh ghat-tenur ta' l-Artikolu

167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' erbat elef tmien mija u tmenin lira Maltin u disghin centezmu (Lm4,880.90c0) dovuti in konnessjoni mas-servizzi u l-uzu tat-telephone numri 418650, 418651, 418652, 434512 u 438754 ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu 1999, tal-Mandat ta' Sekwestru u l-Mandat ta' Qbid ipprezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni; u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficjali - kollha kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur nomine;

Semghat l-Avukat ta' l-attur nomine;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' it-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.